**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.**

**Illum, it-8 ta' Frar 2023**

Kaz Nru: 99/2011

**IL-PULIZIJA**

(Spettur Victor Aquilina)

**kontra**

**JAMES MICALLEF**

(Detentur tal-karta tal-identita' Maltija bin-numru 56489(M))

**Il-Qorti;**

Rat l-imputazzjonijiet migjuba fil-konfront ta' James Micallef, ta' 21 sena, iben Joseph u Patricia xebba Borg, imwieled il-Pieta' nhar it-23 ta' Jannar, 1989 u residenti fi 140, Triq Guze' Damato, Tarxien u detentur tal-karta tal-identita' 56489(M), akkuzat talli:
f'dawn il-Gzejjer, matul ix-xahar ta' Settembru 2010 u fiz-zminijiet ta' qabel:

1. Importa jew gieghel li tigi importata jew ghamel xi haga sabiex tigi importata medicina perikoluza (il-pjanta Kannabis kollha jew bicca minnha) f'Malta, bi ksur tad-disposizzjonijiet tal-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta;

u aktar talli f'dawn il-Gzejjer, fit-22 ta' Dicembru 2010 u fit-tlett xhur ta' qabel:

2. Ikkoltiva l-pjanta Cannabis bi ksur tal-artikolu 8(c) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
3. Kien fil-pussess tal-pjanta Cannabis kollha jew bicca minnha bi ksur ta’ l-artikolu 8(d) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet f’tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

u aktar talli f’dawn il-Gzejjer, fit-22 ta’ Dicembru 2010 u fiz-zminijiet ta’ qabel:

4. biegh jew xort’ohra traffika ir-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza, u dan bi ksur ta’ l-artikolu 8(b) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta’ Malta;
5. Kien fil-pussess tar-raza mehuda mill-pjanta Cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-artikolu 8(a) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, liema droga nstabet tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;
6. kif ukoll talli fl-istess cirkostanzi ikkommetta dawn ir-reati fi jew gewwa distanza ta’ mitt metru mill-parametru ta’ skola, club, jew xi post simili fejn normalment jiltaqghu z-zghazagh bi ksur tal-artikolu 22(2) tal-Kap. 101 tal-Ligjiet ta’ Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex f’kaz ta’ htija barra li tapplika l-piena stabbilita mil-ligi, tordna lill-akkuzat sabiex ihallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skond l-artikolu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Rat l-Ordni tal-Avukat Generali datat it-22 ta’ Frar 2011, *ai termini* tas-subartikolu (2) tal-Artikolu 22 tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi (Kapitolu 101 tal-Ligjiet ta’ Malta) li permezz tieghu, ordna li l-imputat jitressaq quddiem din il-Qorti biex iwiegeb ghall-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu[1];

Rat id-Digriet tal-Assenjazzjonijiet ta’ Kawzi u Doveri datat it-28 ta’ Lulju 2021, permezz ta’ liema din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif inhi ppreseduta kif ukoll l-ezenzjoni tal-partijiet mis-smigh mill-gdid tal-provi gia mismugha minn din il-Qorti diversament preseduta;

Rat li fl-udjenza tat-22 t’Ottubru 2018, il-prosekuzzjoni rtirat is-sitt imputazzjoni migjuba fil-konfront tal-imputat u cioe’ dik l-imputazzjoni li tirrigwarda l-aggravju tal-mitt metru[2];

Rat id-Digriet ta’ din il-Qorti (diversament preseduta) datat id-29 ta’ Marzu 2021, permezz ta’ liema din l-istess Qorti assumiet il-funzjoni ta’ Qorti dwar id-Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta’ Malta;

---

[1] Fol. 2 tal-atti processwali
[2] Fol. 143 tal-atti processwali

Rat in-nota pprezentata mill-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-Droga nhar il-5 ta' Lulju 2022, li permezz taghha l-Bord informa lil din il-Qorti li l-imputat odjern kien ikkonkluda l-pjan ta' kura mfassal ghalih b'success;

Rat u semghet ix-xhieda;

Rat l-atti processwali kollha tal-kaz odjern u d-dokumenti esebieti;

Semghet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

**Ikkunsidrat:**

A. Il-Fatti

Il-kaz odjern jirrisali lura ghat-22 ta' Dicembru 2010 meta gie esegwiet mandat t'arrest u tfittxija fil-konfront tal-qua imputat – James Micallef, wara li l-pulizija rceviet informazzjoni li kien qed isir xi bejgh tad-droga minn gewwa Hal-Tarxien. Dakinhar il-qua imputat kien gie mwaqqaf hekk kif kien hiereg mir-residenza tieghu flimkien ma missieru. Fuq il-persuna tal-qua imputat il-pulizija sabu bicca raza tal-Cannabis, qartas u xi karti tal-libretti. Il-pulizija kien ghamlu tfittxija fir-residenza tal-qua imputat, senjatament fil-fond numru 140, Triq Guze D'Amato, Hal-Tarxien. F'din it-tfittxija l-pulizija sabu: (a) xi bicciet tar-raza tal-Cannabis, zewgt imwiezen eletronici u crusher gewwa l-kamra tas-sodda tal-qua imputat, (b) envelope b'zerriegha tal-pjanta Cannabis gewwa l-fridge u (c) ghaxar pjanti tal-Cannabis gewwa l-kamra tal-banju.

L-oggetti elevati gew analizati minn espert mahtur ghal dan l-ghan, l-ispizar Mario Mifsud, li min-naha tieghu kkonkluda s-segwenti:

a) *"Li ma nstabux sustanzi illegali fuq il-mizien eletroniku, flixkun tal-plastik b'forma ta' water pipe, is-speci ta' haxix nixef li kien hemm fid-dokument 509/10/01 u s-speci ta' joint uzat li kien hemm fid-dokument 509/10/13;*
b) *Li nstabu tracci tas-sustanza Tetrahydrocannabionol (THC), is-sustanza psikoattiva tal-Cannabis, fuq is-sikkina u l-pipa tal-hgieg li kien hemm fid-dokument 509/10/01, fil-cannabis crusher li kien hemm fid-dokument 509/10/13 u fis-speci tal-joint uzat li kien hemm fid-dokument 509/10/14;*
c) *Li z-zerriegha kollha (wiehed u ghoxrin zerriegha) li kien hemm fid-dokument 509/10/02 instabu li kienu kollha zerriegha tal-Cannabis u kien kollha germinable;*
d) *Li l-pjanti kollha li kien fid-dokumenti 509/10/03 sa 509/10/12 instabu li kienu kollha pjanti tal-Cannabis. Li l-piz net totali tal-*

*weraq tal-pjanti tal-Cannabis kien ta' 73.79 grammi waqt li l-medja tal-purita ghas-sustanza THC kienet ta' circa 8.7%;*

*e) Li l-blokki zghar ta' sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokumenti 509/10/013 u 509/10/14 rispettivament instabu li kien raza tal-pjanta tal-Cannabis. Li l-piz nett totali tar-raza tal-Cannabis kienet ta' 8.11 grammi waqt li l-medja tal-purita ghas-sustanza THC kienet ta' circa 8.1%. Is-sustanza THC hija s-sustanza psikotropika primarja tal-pjanta tal-Cannabis;*

*Il-pjanta u r-raza tal-pjanta cannabis huma ikkontrollati bil-ligi taht Taqsima III Sezzjoni 8 tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta."*[3]

Illi fil-kors tal-investigazzjonijiet li saru in konnessjoni ma dan il-kaz, il-pulizija nterrogat lill-qua imputat – James Micallef. Fil-fatt l-istqarrija ttiehditlu nhar it-22 ta' Dicembru 2010 mill-ispettur Victor Aquilina fil-prezenza ta' WPS12 Andrea Grech wara li nghata nformazzjoni sufficjenti dwar id-dritt tas-silenzju kif ukoll wara li gie offrut id-dritt ghall-assistenza legali li skond il-ligi vigenti dak iz-zmien kien limitat ghal siegha qabel ma tibda l-istqarrija[4]. L-imputat kien irrifjuta dan id-dritt u in sostenn ta' dan kien iffirma dikjarazzjoni li giet ipprezentata fl-atti processwali bhala dok. VA3[5]. Minn analizi tal-atti processwali ma jirrizultax li l-qua imputat kien gie mghoti d-dritt tal-assistenza legali waqt l-istqarrija. Lanqas ma jirrizulta li kien hemm ragunijiet impellenti l-ghaliex l-imputat ma giex mghoti d-dritt ghall-assistenza legali waqt l-istqarrija. Minn qari tal-istess stqarrija jirrizulta li l-imputat inkrimina ruhu rigward l imputazzjonijiet migjuba. Minn analizi tal-fedina penali tal-imputat ma jirrizultax li huwa persuna refrattarja u l-unika kundanna kienet ta' natura kontravenzjonali. L-imsemmija stqarrija jirrizulta li kien l-unika prova tal-prosekuzzjoni rigward xi imputazzjonijiet migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li prova sostanzjali rigward il-bqija tal-imputazzjonijiet addebitati lilu. Din il-Qorti, wara li qieset il-principji stabbiliti fl-insenjament mghoti fil-kaz **Beuze v il-Belgju** (App. Numru 71409/10) tad-9 ta' Novembru 2018, u l-principji stabbiliti ricentament permezz tas-sentenzi mghotija mill-Qrati ta' gurisdizzjoni Kostituzzjonali u anke Kriminali[6]. Fic-cirkostanzi msemmija hawn fuq, u fid-dawl tal-insenjament rigwardanti din il-materja, bil-ghan li ma jigux mittiefsa d-drittijiet tal-imputat, din il-Qorti ser tghaddi sabiex tiskarta l-istqarrija tal-imputat fil-kunsiderazzjonijiet taghha dwar ir-reita o meno tal-imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet dedotti fil-konfront tieghu.

---

[3] Fol. 71 sa 72 tal-atti processwali.
[4] Dok. VA2, fol. 37 tal-atti processwali.
[5] Fol. 38 tal-atti processwali.
[6] F'dan is-sens issir referenza ghas-segwenti sentenzi (izda mhux biss) Morgan Onourah vs L-Avukat tal-Istat (Qorti Kostituzzjonali), 27 ta' Jannar 2021, Ir-Repubblika ta' Malta vs Kevin Gatt et (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (27 ta' Ottubru 2021), kif ukoll Christopher Bartolo vs L-Avukat ta' l-Istat Qorti Kostituzzjonali, (26 ta' April 2022) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Andrew Mangion (Qorti tal-Appell Kriminali (Superjuri), (4 ta' Mejju 2022).

B. <u>Kunsiderazzjonijiet dwar ir-responsabilita' tal-imputat</u>

**B.1 Importazzjoni tal-Pjanta Cannabis**

L-ewwel imputazzjoni tirrigwarda l-importazzjoni tal-pjanta Cannabis u dan b'referenza ghal dak mistqarr mill-imputat fl-istqarrija tieghu rigward il-provenjenza taz-zerriegha tal-Kannabis.

Fl-ewwel lok jinghad li permezz tal-emendi li dahlu fis-sehh fis-sena 2021 iz-zerriegha tal-pjanta cannabis ma ghadhiex taqa' fid-definizzjoni tad-droga projbita Cannabis konsegwentament l-agir allegat illum ma ghadux jikkostitwixxi reat. Fil-fatt prezentament il-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta jiddefinixxi sustanza Cannabis bhala:

> *""Cannabis" tfisser il-fjoritura u l-weraq ta' kwalunkwe pjanta tal-ġenus kannabis u tinkludi kwalunkwe raża tal-istess pjanta ukwalunkwe preparazzjoni maħruġa mill-istess pjanta, <u>iżda ma tinkludix iż-żerriegħa tagħha</u>, jew prodotti tal-kannabinojdi li majkunx fihom iktar minn żero punt tnejn (0.2) fil-mija ta'tetrahydrocannabinoil (THC);"* (emfazi ta' din il-Qorti).

Fit-tieni lok, hekk kif intqal izjed 'il fuq, din l-imputazzjoni tistrieh unikament fuq l-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat. Ghaldaqstant tenut kont dak li nghad iktar 'il fuq f'din is-sentenza rigward l-istess stqarrija u galadarba z-zerriegha tal-pjanta cannabis ma ghadhiex taqgha fil-parametri tad-droga, l-imputat mhux ser jinsab hati ta' din l-imputazzjoni.

**B.2 Kultivazzjoni tal-Pjanta Cannabis**

It-tieni imputazzjoni tirrigwarda l-kultivazzjoni tal-pjanta cannabis. Din l-imputazzjoni tirrigwarda s-sejba ta' ghaxar pjanti cannabis fir-residenza tal-imputat b'mod partikolari gol-kamra tas-sodda. Irid necessarjament li l-imputat fl-ebda hin ma kkontesta l-fatt li pjanti tal-cannabis instabu fil-pussess tieghu. Fil-fatt l-imsemmija pjanti nstabu fir-residenza tal-imputat (fil-kamra tal-banju) filwaqt li fuq il-persuna tal-imputat instabet ukoll is-sustanza cannabis. Mill-atti processwali jirrizulta ukoll li l-qua imputat kellu problema ta' dipendenza fuq is-sustanza cannabis. Ghaldaqstant ghalkemm il-qua imputat ma kienx jirrisjedi f'din ir-residenza wahdu jirrizulta b'mod car li l-pjanti tal-cannabis kienu tieghu. Ghaldaqstant din l-imputazzjoni tirrizulta sodisfacentament ippruvata.

**B.3 Pussess Aggravat tal-Pjanta Cannabis**

Illli l-imputat fl-ebda hin ma huwa qed jikkontesta li huwa kien fil-pussess xjenti tal-pjanta cannabis. Fil-fatt jirrizulta pruvat li l-imsemmija pjanti tal-Cannabis kienu fir-residenza tal-imputat senjatament fil-kamra tal-banju. Rigward jekk dan il-pussess kienx wiehed intiz ghall-konsum esklussiv tal-qua imputat jew altrimenti inti ghall-ispacc, immedjatament jigi rilevat li l-ammont ta' ghaxar pjanti Cannabis konsistenti f'piz ta''l fuq minn sebghin gramma weraq tal-Cannabis huma normalment assocjat ma pussess aggravat u mhux ghall-pussess esklussivament ghall-uzu esklussiv tal-imputat (li jkun). Fir-residenza tal-imputat instabu ukoll mizien eletroniku, flixkun tal-plastic b'forma ta' water pipe kontenenti ma haxix nixef. Dawn ma instabitx fuqhom is-sustanza THC. Instabu ukoll sikkina, pipa tal-hgieg, cannabis crusher u joint uzat. F'dawn l-oggetti nstabu tracci tas-sustanza THC. Il-mobile tal-imputat ma giex elevat.

Illi l-oggetti li nstabu fil-pussess tal-imputat jistghu jkunu indikattivi kemm ta' konsum personali u anke ta' traffikar. Hawnhekk issir referenza ghall-mizien, ghas-sikkina u ghall-cannabis crusher. Dawn l-oggetti kollha jistghu jintuzaw mill-imputat b'fini li jaqsam id-droga bil-ghan li jitraffika lil terzi izda jistgha jaghti l-kaz li dawn l-istess oggetti jigu uzati bil-ghan li jaqsam id-droga ghall-konsum tieghu. Il-pipa tal-hgieg u l-joint uzat kif ukoll il-flixkun tal-plastic (minkejja li f'dan tal-ahhar ma nstabux tracci ta' THC) huma indikattivi ta' konsum personali u mhux ta' spacc. Jinghad li oggetti ohra li jistghu jkunu izjed indikattivi ghall-ispacc ma nstabux bhal kwantita' konsiderevoli ta' sealable bags u messaggi fuq il-mobile li jindikaw spacc ma nstabux.

Kif inghad izjed qabel f'din is-sentenza, ai fini ta' reita' o meno fir-rigward ta' din l-imputazzjoni (pussess aggravat tal-pjanta Cannabis), din il-Qorti skartat id-dikjarazzjonijiet li l-imputat ghamel waqt l-istqarrija rrillaxxata minnu lill-pulizija. Fin-nuqqas ta' din l-istqarrija ma hemmx cirkostanzi li b'mod unekwivoku jindikaw li l-pussess kien wiehed intiz ghall-ispacc u mhux ghall-konsum personali tal-imputat. Ghal kull bon fini ssir referenza ukoll ghall-karta li nstabet fil-kamra tal-imputat b'numri li jindikaw uzien u prezzijiet. Fir-rigward ta' din il-karta jinghad li fin-nuqqas tal-istqarrija din il-Qorti hija sprovista minn kwalunkwa prova dwar x'jindikaw dawn in-numri, li fi kwalunkwe kaz ma jirriflettux l-ammont ta' pjanta cannabis misjub fil-pussess tal-qua imputat. B'hekk din il-prova li tista' tkun indikattiva ta' pussess semplici u lanqas pussess aggravat.

F'dan ir-rigward, irid necessarjament jinghad li, hekk kif jirrizulta mill-provi mressqa fl-iter processwali prezenti anke b'referenza ghat-talba tal-imputat ai termini tal-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta, fiz-zmien indikat fic-citazzjoni l-qua imputat kellu dipendenza severa fuq is-sustanza cannabis fejn il-konsum kien wiehed gholi hafna. Fil-fatt l-espert Dr. Edward Curmi jikkonkludi li fiz-zmien tal-kaz odjern il-qua imputat kien ibati minn dipendenza gravi u

medika. Din il-prova ma hija kontradetta bl-ebda prova ohra mressqa mill-prosekuzzjoni. Ghaldaqstant l-ammont konsiderevoli ta' pjanti tal-cannabis jistgha jigi spjegat, minn tal-inqas fuq grad tal-probabli, mid-dipendenza severa tal-imputat u cioe' bil-konsum gholi tal-cannabis tal-imputat stess.

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza l-Pulizija vs. Ninian Mangion mghotija fid-9 ta' Marzu 2010, meta affaccjata b'ammont ta' tlettax-il pillola ecstasy li ukoll huwa normalment ammont indikattiv ta' spacc, iddikarat:

> *"Din il-Qorti, wara li rriflettiet fit-tul u qieset ic-cirkostanzi kollha w ma tarax li n-numru ta' tlettax (13) il-pillola ecstasy kien tali li necessarjament jindika li kien intiz ghall-ispacc. Tqis ukoll li l-ispjegazzjonijiet u ragunijiet li ta l-appellant fl-istqarrija tieghu setghu ikunu accettabbli fuq bazi ta' probabbilta' w ghalhekk ma kellhomx jigu skartati. F' dan il-kaz, din il-Qorti ghad ghandha dak il-"lurking doubt" li jrid iwassal biex id-dubju dettat mir-raguni jmur favur l-appellant."*

L-istess Qorti, fis-sentenza fl-ismijiet: Il-Pulizija vs. Ernest Briffa[7] (anke b'referenza ghal sentenzi ohra) ddikjarat is-segwenti:

> *"Dwar l-ammont ta' droga, dan ghandu jitqies fid-dawl tac-cirkostanzi kollha li fihom tali droga tkun instabet. Fl-Appell Kriminali Il-Pulizija v. Noel Borg deciz fit-12 ta' Frar 2009 intqal:*
>
> > *'Illi kif gie ritenut fl-Appell Kriminali: "Il-Pulizija vs. Marius Magri' [12.5.2005], dawn il-kazijiet mhux l-ewwel darba li jipprezentaw certa diffikolta` biex wiehed jiddetermina jekk id-droga li tkun instabet kienetx intiza ghall-uzu personali jew biex tigi spaccata. Il-principju regolatur f'dawn il-kazijiet hu li l-Qorti trid tkun sodisfatta lill hinn minn kull dubju dettat mir-raguni w a bazi tal-provi li jingabu mill-prosekuzzjoni li l-pussess tad-droga in kwistjoni ma kienx ghall-uzu esklussiv (jigifieri ghall-uzu biss) tal-pussessur. Prova, ossia cirkostanza wahda f'dan ir-rigward tista', skond ic-cirkostanzi tal-kaz, tkun bizzejjed. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Carmel Degiorgio" [26.8.1998]). Meta l-ammont tad-droga ikun pjuttost sostanzjali, din tista' tkun cirkostanza li wahedha tkun bizzejjed biex tissodisfa lill-Qorti li dak il-pussess ma kienx ghall-uzu esklussiv tal-hati. (Ara. Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Carmel Spiteri" [2.9.1999].)*
> >
> > *Illi pero` kif gie ritenut minn din il-Qorti, kif preseduta, kull kaz hu differenti mill-iehor u jekk jirrizultawx ic-cirkostanzi li jwasslu lill-gudikant ghall-konvinzjoni li droga misjuba ma*

[7] 26.1.2011

*tkunx ghall-uzu esklussiv tal-akkuzat, fl-ahhar mill-ahhar, hija wahda li jrid jaghmilha l-gudikant fuq il-fattispecji li jkollu quddiemu w ma jistax ikun hemm xi "hard and fast rule" x' inhuma dawn ic-cirkostanzi indikattivi. Kollox jiddependi mill-assjem tal-provi w mill-evalwazzjoni tal-fatti li jaghmel il-gudikant u jekk il-konkluzzjoni li jkun wasal ghaliha il-gudikant tkun perfettament raggungibbli bl-uzu tal-logika w l-buon sens u bazata fuq il-fatti, ma jispettax lil din il-Qorti li tissostitwiha b'ohra anki jekk mhux necessarjament tkun l-unika konkluzzjoni possibbli. (App. Krim . "Il-Pulizija vs. Brian Caruana" [23.5.2002]).'"*

Ghaldaqstant, tenut kont dan l-insenjatament u galadarba giet skartata l-istqarrija tal-imputat, minkejja l-ammont notevoli tal-pjanti tal-cannabis misjuba fir-residenza tal-imputat, din il-Qorti hija sprovvista minn kwalunkwe prova ohra dwar xi cirkostanzi ohra li jistghu b'xi mod ikunu indikattivi ta' spacc. Mill-assjem tal-provi mressqa jirrizulta pruvat minn tal-inqas fuq livell ta' probabilita' li l-ammont notevoli ta' pjanti kienu jirriflettu l-konsum sever tal-imputat mis-sustanza cannabis. B'hekk l-imputat ser jinsab hati tal-pussess xjenti tal-pjanta tal-cannabis b'dan li l-istess pussess kien wiehed ghall-uzu esklussiv tieghu.

## B.4 Traffikar tal-Pjanta Cannabis

Din l-imputazzjoni tirrizulta unikament mill-istqarrija rrillaxata mill-qua imputat. Ghaldaqstant tenut kont il-kunsiderazzjoni li gew maghmula iktar qabel f'din is-sentenza rigward l-imsemmija stqarrija, l-qua imputat ser jigi illiberat minn din l-imputazzjoni.

## B.5 Pussess Aggravat tar-raza tal-Cannabis

Illi l-qua imputat instab ukoll fil-pussess xjenti ta' zewg blokkok zghar ta' raza tal-cannabis bil-piz net ta' 8.11 grammi b'purita medja ta' 8.1%. Il-pussess xjenti ta' din is-sustanza ma huwiex qed jigi kkontestat mill-imputat. Mit-tfittxijiet li saru mill-pulizija rrizulta li bicca mill-imsemmija sustanza instabet fuq il-persuna tieghu waqt li kien ghadu kif kien hiereg ma missieru filwaqt li l-bqija instabet fir-residenza tal-imputat. Ghal dak li instab fir-residenza tal-imputat din il-Qorti taghmel referenza ghall-kunsiderazzjonijiet li saru fir-rigward tal-imputazzjoni li tikkoncerna l-pussess aggravat tal-pjanta tal-cannabis u zzid li f'dan il-kaz anke l-ammont (li globalment huwa dak ta' 8.1g) ma huwiex tali li jindika spacc konsiderando d-dipendenza severa tal-imputat. Ghal dak li jirrigwarda s-sustanza li nstabet fuq il-persuna tal-imputat waqt li kien barra mir-residenza jinghad li l-ammont tas-sustanza kien tant wiehed zghir li ukoll ma huwiex wiehed indikattiv ta' spacc. Ghaldaqstant din il-Qorti hija tal-fehma li l-prosekuzzjoni rnexxielha

sodisfacentament tipprova li l-qua imputat kien fil-pussess xjenti tar-raza tal-Cannabis b'dan li l-imsemmija sustanza kienet intiza esklussivament ghall-konsum tal-istess imputat.

a) *Li l-blokki zghar ta' sustanza ta' lewn kannella li kien hemm fid-dokumenti 509/10/013 u 509/10/14 rispettivament instabu li kien raza tal-pjanta tal-Cannabis. Li l-piz nett totali tar-raza tal-Cannabis kienet ta' 8.11 grammi waqt li l-medja tal-purita ghas-sustanza THC kienet ta' circa 8.1%. Is-sustanza THC hija s-sustanza psikotropika primarja tal-pjanta tal-Cannabis;*

**B.6 Aggravju tal-100 metru**

Din l-imputazzjoni giet irtirata mill-prosekuzzjoni fl-udjenza tat-22 t'Ottubru 2018 u konsegwentament din il-Qorti qed tastjeni milli tieghu konjizzjoni ulterjuri taghha.

C. <u>Piena</u>

Illi ai fini ta' piena dina l-Qorti ser tiehu in konsiderazzjoni n-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom l-imputat qed jinsab hati; l-fedina penali (aggornata) tal-imputat minn fejn kjarament jirrizulta li l-imputat ma huwiex persuna ta' karattru refrattarju; l-eta' li kellu meta gie kommess ir-reat; kif ukoll il-fatt li t-tieni imputazzjoni hija kompriza u nvoluta fit-tielet imputazzjoni migjuba kontra l-imputat.

Din il-Qorti ser tqis ukoll x-xhieda mressqa mid-difiza mill-liema indubbjament jirrizulta l-progress sostanzjali li l-qua imputat ghamel sabiex jeghleb id-dipendenza fuq il-vizzju tad-droga cannabis. Hekk kif inghad iktar qabel f'din is-sentenza din id-dipendenza kienet deskritta minn Dr. Edward Curmi bhala wahda gravi u medika. Jirrizulta ukoll li l-imputat kien qed ibati ansjeta kbira dana anke fid-dawl tal-konsum tieghu fuq perjodu twil ta' zmien. L-imputat hadem qattiegh bil-ghan li jindirizza din il-problema. Mill-atti processwali jirrizulta li din il- Qorti assumiet il-funzjonijiet ta' Qorti dwar id-droga fit-termini tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta u rreferiet lill-qua imputat quddiem il-Bord ta' Rijabilitazzjoni ta' Persuni li nqabdu bid-droga. L-imsemmi Bord ikkonkluda l-kaz tal-qua imputat b'success. Mir-rapporti li ntbaghtu mill-Bord lil din il-Qorti jirrizulta b'mod car li l-imputat attenda diversi sessjonijiet fi hdan l-agenzija Carita u halla diversi kampjuni li kollha rrizultaw fin-negattiv. Illi in sodisfazzjon ta' dak li jistipula l-artikolu 8(6) tal-Kap. 537, ir-registratur tal-Qrati u t-Tribunali

Kriminali kkonfermat li Micallef ma ghandux proceduri kriminali ohra pendenti ghajr dak odjern. Konsegwemtament ma tirrizultax il-htiega li din il-Qorti ssejjah ghandha kazijiet ohra rigwardanti l-imputat odjern.

Ghaldaqstant fid-dawl ta' (a) in-natura tal-imputazzjonijiet li taghhom ser jinsab hati; (b) li l-istess reati jirrizulta li huma sostanzjalment attribwibbli ghad-dipendenza severa li l-qua imputat kellu dak iz-zmien fuq s-sustanza cannabis u (c) li llum Micallef irnexxielu jeghleb l-imsemmija dipendenza u jirriforma hajtu kompletament fejn illum, mix-xhieda mismugha jirrizulta li qed jghix hajja stabbli 'l boghod mid-droga; din il-Qorti hija tal-fehma li ghandha tinfliggi piena alternattiva minn dik ta' prigunerija effettiva.

**Decide**

Ghal dawn il-mottivi, din il-Qorti, wara li rat l-Artikoli 8(a), (b), (c) u (d), 22(1)(a), 22(1B); 22(2)(b)(ii) tal-Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta u l-artikolu 8 tal-Kap. 537 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-qua imputat, James Micallef, mhux hati tal-ewwel u r-raba' imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu filwaqt li qed isibu hati tat-tieni, it-tielet u l-hames imputazzjoni migjuba fil-konfront tieghu b'dan li ghal dak li jirrigwarda it-tielet u l-hames imputazzjoni l-pussess kien f'cirkostanzi tali li jindika li kien ghall-uzu esklussiv tal-hati. Ghaldaqstant din il-Qorti qed tikkundana lill-qua imputat James Micallef ghal piena ta' sitt xhur prigunerija li ai termini tal-artikolu 28A tal-Kodici Kriminali ma ghandhiex tibda ssehh hlief jekk il-hati jikkommetti reat iehor li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija fi zmien sena millum.

A tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali dina l-Qorti qeghda tordna lill-hati James Micallef sabiex ihallas l-ispejjez fl-ammont ta' Eur. 1,721.20 konnessi mal-hatra ta' l-esperti fil-proceduri odjerni fi zmien sentejn millum.

Il-Qorti tordna wkoll illi dan ir-reat m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-finijiet tal-ħruġ ta' ċertifikat tal-kondotta skont l-Ordinanza dwar iċ-Ċertifikati tal-Kondotta u dan fid-dawl tad-dettami tas-subartikolu (8) ghal-artikolu 8 tal-Kapitolu 537 tal-Liġijiet ta' Malta.

Fl-ahhar net, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga ezebita, hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi process-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi nserit fl-atti ta' din il-kawza sa mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti spjegat lill-hati bi kliem car ir-responsabbilita' tieghu taht l-artikolu 28B jekk huwa jikkommetti reat li ghalih hemm il-piena ta' prigunerija waqt il-perjodu operattiv tas-sentenza sospiza hawn fuq indikat.

MAGISTRAT DR. ELAINE MERCIECA B.A., LL.D.

Christine Farrugia
Deputat Registratur